**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Vella**

Numru 84/2009

Illum 6 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Vella** ta' disgha u erbghin (49) sena, iben Carmel u Carmen nee' Farrugia, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-25 ta' Ottubru, 1960, residenti fil-fond numru Tas-Sajku, Triq Ras il-Bajjada, Munxar u/jew 'Valle Di Janem', Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 61160(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Ottubru 2009, u matul is-sentejn ta' qabel, gewwa Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Ghawdex u fi bnadi ohra f'Ghawdex, f'hinijiet differenti;

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga kienet fil-pussess tieghu meta din id-droga ma kienet ghal uzu esklussiv tieghu;

c) Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8 (e), tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) u (d), tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

e) Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta Cannabis u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' mobbli jew imobbli;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "A").

Semghet it-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni u d-difiza fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Il-kaz imur lura ghat-28 ta' Ottubru 2009 wara li l-pulizija waqfu vettura li kienet gejja minn Malta fejn go fiha kien hemm l-imputat. Il-pulizija kienet waslitilhom informazzjoni li l-imputat kien gej

minn Malta bid-droga mieghu. Il-pulizija dakinnhar kienu sabulu biss xi pipi li ttiehdu ghall-istharrig. Kien sar raid mill-pulizija fir-razzett tal-imputat fejn hemm kienu sabu numru ta' pots bil-hamrija u kien suspettat li dawn kienu intuzaw ghall-kultivazzjoni tal-Cannabis.

Illi mill-istharrig forensiku ma rrizultax li kien hemm kultivazzjoni u ma nstabux tracci tad-droga fil-pipi.

Il-pulizija fil-kaz esebit stqarrija guramentata ta' certu Mario Cardona li qal li kien xtara d-droga Kokaina minghand l-imputat.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009 fil-kawza l-ismijiet il-Pulizija vs Massimo Caruana inghad:

> *"Skond l-artikolu 30A tal-Kap.101 minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna w li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew imghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.*
>
> *Illi dina id-disposizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap.101 bl-Att XI tal-1994 kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-verzjoni taghhom bejn l-istqarrijiet li jkunu ghamlu a tempo vergine u x-xhieda taghhom sussegwenti meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra s-suppliers tad-droga. X'ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem."*

**L-imputat qieghed jinstab hati invista ta' din l-istqarrija.**

Illi din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza **R. v. Cooper** ([1969] 1 QB 276) (in

konnessjoni mal-Artikolu tal-ligi Ingliza S. 2(1)(a) tal-*Criminal Appeal Act*, 1968):

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[1]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-

[1] *Vide* wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Il-Qorti taghmel referenza ghad-diskors ta' Papa Franġisku lil dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-"International Drug Enforcement Conference" nhar Il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014:

*"Il-flaġell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi frunitieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*

*Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi. Żgur li l-problema ma*

*ssolvix ruħha billi wieħed jaħseb li ser inaqqas il-ħsara jekk jagħti permess li jintużaw psikofarmaċi minn dawk il-persuni li jkomplu jagħmlu użu mid-droga. Il-legalizzazzjoni ta' dawk li jissejħu "drogi ħfief", anki jekk din tkun parżjali, mhux biss hi xi ħaġa diskutibbli fuq livell leġiżlattiv, iżda lanqas ma twassal għall-effetti maħsuba. Imbagħad, id-drogi sostituttivi mhumiex terapija suffiċjenti, imma huma mod mistur kif wieħed iċedi għal dan il-fenomenu. Nerġa' nisħaq fuq dak li ġa għidt f'okkażjoni oħra: le għal kull tip ta' droga. Sempliċiment. Le għal kull tip ta' droga. ( ara Udjenza ġenerali, 7 ta' Mejju 2014). Iżda biex ngħidu din il-le, jeħtieġ li ngħidu iva għall-ħajja, iva għall-imħabba, iva għall-oħrajn, iva għall-edukazzjoni, iva għall-isport, iva għax-xogħol, iva għal aktar opportunitajiet ta' xogħol. Naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li hu bla xogħol. Ikolli ngħid li dawk bla xogħol fl-Ewropa jgħoddu mal-75 miljun; hekk minn għalija, imma miniex ċert u ma rridx ngħid xi ħaġa li ma tkunx. Imma ejjew naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li la jagħmel ħaġa u lanqas oħra; la jistudja u lanqas jaħdem. Isib ruħu fejn m'hemmx xefaq, fejn m'hemmx tama, u l-ewwel ħaġa offruta jkunu d-dipendenzi, u fost dawn id-droga. Jekk iseħħu dawn "l-iva", ma jkunx hemm post għad-droga, ma jkunx hemm post għall-abbuż mill-alkohol jew għall-dipendenzi oħra.*

*Il-Knisja, fidila lejn il-mandat ta' Ġesù biex tmur kulfejn hemm xi ħadd li qed ibati, xi ħadd bil-għatx, xi ħadd bil-ġuħ, xi ħadd fil-ħabs (ara Mt 25,31-46), m'abbandunatx lil dawk li waqgħu fin-nassa tad-droga, imma marret tiltaqa' magħhom bl-imħabba kreattiva tagħha. Qabdithom minn idejhom, permezz tal-ħidma ta' tant operaturi u volontarji, biex huma jiskopru mill-ġdid id-dinjita' tagħhom u għenithom biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lil dawk ir-riżorsi, lil dawk it-talenti personali li d-droga difnet imma ma setgħetx teqred la darba kull bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha t'Alla (ara Gen 1,26). Iżda din il-ħidma ta' rkupru hi limitata ħafna, mhijiex biżżejjed. Hemm bżonn issir ħidma ta' prevenzjoni. Din tagħmel ħafna ġid.*

*L-eżempju ta' tant żgħażagħ li xewqana biex jinħelsu mid-dipendenza għad-droga jimpejaw ruħhom biex jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid, hu stimolu biex wieħed iħares 'l quddiem b'fiduċja."*

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[2]:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota, li fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

---

[2] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

> "Jibqa' pero` il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David John Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioé mhux aggravat) izda ta' ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija".

Fil-waqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. Il-Qorti qieset illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, kif ukoll f'kazijiet ohrajn fejn il-Qrati segwew l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik is-sentenza, bhal per ezempju, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Busuttil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009, il-fedina penali tal-appellanti f'dawk il-kazijiet, kienet wahda refrattarja u l-Qorti, fiz-zewg kazijiet, ghaddiet biex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

**DECIDE:**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, inkluz in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tieghu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, wara li rat:

Artikoli 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 8(a), 8(d), 8(c) u 8(e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 4 u 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati,

Ma ssibx lill-imputat Emanuel Vella hati tal-imputazzjoni e, marbuta mal-kultivar tal-Cannabis u ssibu hati tal-imputazzjonijiet a, b, c, u d migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat dam taht arrest preventiv u multa ta' hames mitt ewro (€500).

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**